MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 468/2004

Atlas Insurance Limited u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2007
giet korretta ghal Atlas Insurance PCC Limited
vs
Malta Football Association

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi l-Assocjazzjoni konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' hamest elef erba' mija hamsa u erbghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm5,445.89) bilanc minn somma akbar rapprezentanti sehemha mill-***premium*** ta' diversi poloz ta' assigurazzjoni li kienu nhargu a favur l-assocjazzjoni konvenuta, u dana kif jidher mill-i***statement of accounts*** sat-30 t'April 2004 anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok A.

Illi minkejja li l-assocazzjoni konvenuta giet interpellata kemm-il darba sabiex thallas hija baqghet inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert u likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta` attrici l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u

2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef erba' mija hamsa u erbghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm5,445.89) – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax mid-data tal-hrug ta' kull polza ta' assigurazzjoni u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-29 ta' Marzu u tas-16 t'April 2004 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi s-socjeta` konvenuta ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mad-ditta attrici peress illi fiz-zmien indikat mid-ditta attrici r-relazzjonijiet taghha dwar assikurazzjoni kienu kollha kemm huma mad-ditta Alliance Malta Limited u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-permess, is-socjeta` konvenuta ma kenitx f'pozizzjoni li tkun taf x'jista' jkun dovut mid-ditta Alliance Malta Limited lil diversi

ditti ta' assikurazzjoni li l-istess ditta Alliance Malta Limited kienet tinnegozja maghhom, inkluza mad-ditta attrici, ghas-socjeta` konvenuta, peress illi kemm il-hlasijiet ta' "premiums" u kif ukoll ta' "claims", li whud minnhom ghadhom pendenti, kienu jsiru lid-ditta Alliance Malta Limited.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Joseph Mifsud ghall-Assocjazzjoni konvenuta li fiha ddikjara li l-imsemmija assocjazzjoni kienet tidhol fi ftehim ma' Franco Azzopardi ghall-Alliance Malta Limited li kienet il-***broker*** u li ghalhekk ma kellhiex relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici, liema fatt ma kienx kontestat minn Dr. Camilleri ghas-socjeta` attrici (fol 16).

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tas-26 ta' Jannar 2005 li permezz taghha l-ammont rikjest gie mnaqqas b'Lm152.20 u cioe` ghas-somma ta' Lm5293.69.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Brian Valenzia ghas-socjeta` Atlas Insurance Limited li fiha sostna li l-Assocjazzjoni konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm5,445.89 bilanc minn somma akbar rapprezentanti sehamha mill-***premium*** ta' diversi poloz ta' assigurazzjoni li kienu nhargu a favur l-assocjazzjoni konvenuta, u dana kif jidher mill-i***statement of accounts*** sat-30 ta'April 2004. Illi minkejja li l-Assocazzjoni konvenuta giet

interpellata kemm-il darba sabiex thallas hija baqghet inadempjenti.

Gie prezentat affidavit ta' Brian Valenzia direttur tas-socjeta` attrici Atlas Insurance Limited fejn issemma li tramite l-kumpanija li hija ***insurance broker*** Alliance Malta Limited kienu nhargu diversi poloz ta' assigurazzjoni favur il-Malta Football Association. Illi kif jidher mill-i***statement of account*** esebit flimkien mac-citazzjoni hemm bilanc fis-somma ta' Lm5,445.89.

Gie prezentat affidavit ta' Robert Von Brockdorff ***managing director*** mas-socjeta` attrici li semma li huwa kien jiehu hsieb l-assikurazzjoni tal-Malta Football Association, li kienu marru ghandhom tramite ***insurance broker*** u cioe` Franco Azzopardi, li kien jahdem mas-socjeta` Alliance Malta Ltd. u kien jircievi l-ordnijiet tal-MFA minghandu jew inkella l-assistent tieghu Anthony Pace u kienu johorgu d-dokument tal-polza u d-***debiting*** tal-***premium*** lill-***broker*** li kien jghaddihom lill-assigurat tieghu l-MFA. L-MFA kienet ilha assigurata maghhom ghal snin shah, u l-president tal-MFA kien ben konxju tal-fatt illi l-***insurance broker*** inkarigat minnhom kien qieghed jassigura l-affarijiet taghhom maghhom. Ikkonferma li d-debitu ghalhekk kien tal-MFA u sostna li ilu xhur jigri wara l-***broker*** sabiex jaghmel hiltu biex jigbor il-***premia*** li kien hemm pendenti. Peress li baqa' ma sarx il-hlas saru anke xi ***cancellations***. F'xi zmien ghall-habta ta' Novembru 2003 l-***insurance broker*** ma kenitx baqghet topera bhala tali, u minkejja li huma baqghu jigru wara l-***broker*** sabiex jigbor il-flus dawn qatt ma thallsu. Hu ghalhekk kien talab lill-***credit controller*** taghhom Martin Gauci jkellem lill-***accountant*** tal-MFA.

Gie prezentat affidavit ta' Martin Gauci fejn qal illi hu kien impjegat, bhala ***Credit Controller*** mas-socjeta` Atlas Insurance Ltd u hu responsabbli mill-gbir tal-flus dovuti lill-kumpanija mid-debituri taghha. Fost id-debituri tal-kumpanija hemm il-Malta Football Association li kienet tassikura l-affarijiet taghha tramite s-socjeta` Alliance Malta Ltd, li dak iz-zmien kienet tahdem bhala ***insurance broker***. Is-socjeta` Alliance Malta Limited hija kumpanija

Maltija li kienet licenzjata mill-MFSA skond il-ligi tirregola l-assikurazzjoni f'pajjizna, sabiex tipprovdi servizzi ta' ***insurance broker***. Is-socjeta` Alliance Malta Limited, bhala l-***broker***, kienet tircievi hi l-istruzzjonijiet minghand l-assigurat u cioe` f'dan il-kaz il-Malta Football Association u sussegwentement kienet taghddihom lilhom sabiex jeffettwahom. Izda l-polza tinhareg minnhom ghax hija l-Atlas Insurance li hija s-socjeta` li qed tassigura. Meta kienu jinhargu d-dokumenti realattivi minn Atlas Insurance, din kienet tohrog ***Debit Note*** jew kont tal-***premium*** dovut li kienu jintbghatu lill-Alliance Malta Limited bhal l-***broker***, u hi da parti taghha kienet tohrog il-kont relattiv lill-Malta Football Association flimkien mad-dokumenti relattivi. Bhala prassi li kien jigri kien illi l-flus kienu jithallsu lill-Alliance Malta Limited u din kienet tghaddihom lilhom wara li tkun naqqset il-***commission*** dovuta lilha. Izda sostna li l-***premia*** huma dovuti lilha u mhux lill-***broker***. Lejn l-ahhar ta' Novembru tas-sena 2003, is-socjeta` Alliance Malta Limited tilfet il-licenzja taghha sabiex topera bhala ***insurance broker***. Hu minnufih kien tkellem ma' Franco Azzopardi li kien l-***manging director*** tas-socjeta` Alliance Malta Limited. Franco Azzopardi baqa' jsostni sal-lum illi Alliance Malta Limited kienet baqghet qatt ma gabret l-ammont dovut lis-socjeta` Alliance Malta Limited minghand il-Malta Football Association fl-ammont ta' Lm5445.89. Fil-fatt, ghal-precizjoni qal li l-ammont attwalment dovut mhux dak miktub fic-citazzjoni izda ghandu jonqos b' Lm152.20 u ghalhekk l-ammont attwalment dovut huwa dak ta' Lm5293.69, aparti l-imghax.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Maria Schembri Wismayer</u> Ezekuttiva ma` Atlas Insurance Ltd li fih ikkonfermat l-istess fatti. Spjegat dettaljatament fiex jikkonsisti l-ammont dovut.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Franco Azzopardi</u> li fih qal li hu kien jahdem mas-socjeta` Allcare Insurance Brokers Limited, kif ukoll direttur tas-socjeta` Alliance Malta Limited izda li llum waqfet topera bhal ***insurance broker***. Is-socjeta` Alliance Malta Limited kienet topera bhala ***insurance broker*** mis-sena 2000 sal-10 ta' Novembru

2003. Fil-kumpanija hu kien il-persuna li kien registrat bhala ***insurance broker*** mal-awtoritajiet. Huma kienu jassistu ghall-gbir tal-***premia***. Meta kienu jigbru l-flus huma kienu jiehdu dik il-parti li tispetta lilhom bhala ***commission***, u l-bqija kienu jghadduha lis-socjeta` tal-assigurazzjoni rispettiva. F'dawk il-kazijiet fejn ma kienx jirnexxielhom jigbru l-***premia*** huma kienu jinfurmaw lis-socjeta` tal-assigurazzjoni u din min naha taghha kienet tikkancella l-***cover*** tal-polza. Wiehed mill-klijenti taghhom kienet il-Malta Football Association. L-MFA dejjem kienu jhallsu l-***premia***, anki jekk mhux dejjem fiz-zmien rikjest. Jiftakar illi kienet saret laqgha mal-MFA li ghaliha kien attenda Robert Von Brockdorff min-naha tal-Atlas, u dan bil-ghan illi jigi diskuss ***renewal terms*** tal-poloz. L-MFA baqghet ma hallsitx. Fl-10 ta' Novembru 2003 l-Alliance Malta Limited bil-kunsens tal-awtoritajiet kompetenti dahlet fis-sit ta' ***Voluntary Ceasing of Operation***.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Joseph Mifsud, fil-kariga tieghu ta' President tal-Malta Football Association fejn qal illi l-assikurazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fiz-zmien ta' dak li qed tippretendi s-socjeta` attrici minghandha kienu jsiru mad-ditta Alliance Malta Limited u mhux mad-ditta attrici jew xi ditta ohra ta' assikurazzjoni. Oltre dan il-hlasijiet ta' ***premia*** mis-socjeta` konvenuta ghad-diversi assikurazzjonijiet li din kellha kienu jsiru direttament lid-ditta Alliance Malta Limited. Anke l-***claims*** tas-socjeta` konvenuta taht id-diversi poloz ta' assikurazzjoni li din kellha kienu jsiru direttament lill-istess ditta Alliance Malta Limited. Id-ditta attrici dan kienet tafu tajjeb tant illi ittra ufficjali li ntbaghtet mid-ditta attrici lis-socjeta` konvenuta fil-25 ta' Gunju 2004 u li permezz taghha ippretendiet hlas, intbaghtet ukoll id-ditta Alliance Malta Limited. Madankollu d-ditta attrici ghazlet li tharrek lis-socjeta` konvenuta u dan ad eskluzjoni tad-ditta Alliance Malta Limited avolja fil-fatt is-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mad-ditta attrici.

Xehed Ivan Mizzi u qal illi hu l-***Finance Officer tal-Malta Football Association*** u ilu f'din il-kariga ghal dawn l-ahhar 14-il sena. Hu jiehu hsieb l-***accounts*** tal-MFA u jaf ghalhekk id-dhul u l-hrug kollu. L-MFA ghandha diversi

***insurances*** ma' numru ta' ***brokers*** taghhom u huma jiddiljaw principalment mal-Alliance Insurance Brokers. Kien ikollhom diskussjonijiet ma' Mr. Franco Azzopardi tal-Alliance u gieli kellhom bzonn xi hadd iehor, Nadia Zammit. Il-flus dejjem thallsu lil Alliance Insurance Brokers u ***claims*** dejjem saru lil Alliance. Il-hlasijiet kienu jsiru wkoll kollha mal-Alliance. L-MFA naturalment kellha diversi ***policies*** u kienu kollha jkunu mal-Alliance Insurance. Qatt ma kellhom komunikazzjoni ma' Atlas Insurance Limited. L-assikurazzjonijiet ma kienux jaslu ghandu essendo li hu ***finance officer*** u ghandu kienu jaslu l-kontijiet.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi jinkombi fuq il-Qorti li l-ewwelnett tezamina l-pozizzjoni ta' l-***Insurance Broker*** u dan minhabba li l-pozizzjoni legali ta' l-istess jaffettwa l-ezitu kollu tal-kawza.

L-***Insurance Broker*** huwa mandatarju ta' l-assikurat. Huwa jghin biex jintlahaq ftehim ma' l-assikuratur bl-iskop li jigi assikurat riskju, tinhareg assikurazzjoni f'isem il-persuna assikurata, bil-weghda ta' indennizz jekk tigri l-haga msemmija fl-assikurazzjoni. L-***Insurance Broker*** huwa l-mandatarju ta' l-assikurat u mhux tal-kumpanija ta' assikurazzjoni (ara **Antonio Zammit vs Joseph Micallef** tal-31 ta' Jannar 1952, XXXVI-III-610; u **Anthony Vassallo vs Alfred S. Azzopardi nomine** deciza fil-21/04/99). Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Bertuello vs Victor Cordina pro et noe et** deciza mill-Onor Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Lulju, 1994 inghad:

"Mill-provi jirrizulta li din is-socjeta' ma tassikurax hi izda tagixxi bhala agent tas-socjeta` estera *Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited*. Jekk il-konvenut Victor Cordina ma agixxiex personalment, izda agixxa f'isem is-socjeta` konvenuta, similment, din is-socjeta' ma agixxietx bhala socjeta' propju izda f'isem is-socjeta' assikuratrici estera imsemmija li taghha hija l-agent f'Malta……izda li se mai din titharrek bhala agent tas-socjeta` assikuratrici estera li ultimament hija dejjem responsabbli ghal dak li gie kontrattat ghan-nom taghha mis-socjeta` konvenuta.."

Il-pozizzjoni guridika ta’ l-***Insurance Broker*** giet ezaminata tajjeb hafna fil-kawza hawn fuq imsemmija **Vassallo vs Azzopardi** riferibbilment ghar-rapport tal-periti addizzjonali Dr. Philip Sciberras, Dr. John Vassallo u Dr. Joseph Caruana Scicluna. A fol 23 ***et*** tas-sentenza jinghad:
“Il-periti addizzjonali jissottomettu illi r-referenza li ghamel il-Perit Legali Dr. Mark Chetcuti ghall-Artikolu 93 tal-Kodici tal-Kummerc huwa rrelevanti ghal mertu tal-kawza. Jirrilevaw li l-“public broker” kif mifhum f’dan il-Kodici, m’ghandu x’jaqsam xejn u jirraprezenta imprecizazzjoni legali kif gia’ kienet espressa fil-kawza tal-Qorti tal-Kummerc in re. “Lawrence Azzopardi et vs Jospeh Muscat et” (18.04.1983 per Imhallef Scicluna), liema decizjoni sostniet ukoll illi “l-broker jew is-sensal mhuwiex ir-rappresentant tal-partijiet biex imghaqqad l-operazzjoni.”

Il-Periti Addizzjonali josservaw illi l-ligi li tapplika ghal kaz in kwistjoni hija Artikolu 23(6) ta’ l-Att Dwar l-Impriza ta’ l-Assigurazzjoni, Kap. 290, Att XVII, 1981, liema disposizzjoni tikkwalifika “insurance broker” bhala dik il-persuna li “ghal xi kummissjoni jew kumpens iehor jew oggett ta’ valur ikun x’ikun tagixxi jew tghin b’xi mod biex thajjar, jintlahaq ftehim, jew biex isir kuntratt ta’ assigurazzjoni jew biex jigi assigurat riskju jew biex tinhareg assigurazzjoni, f’isem persuna assigurata jew persuna li tkun se tigi assigurata, barra minnha nnifisha.”

Inoltre, il-Periti jirreferu ghall-artikolu ta’ Senator B.R. Bamford S.C. “Rights and Duties of Insurance Brokers”, riportat fil-harga tal-Lloyds Maritime and Commerial Quarterly, February 1976, p.59 fejn hemm stabbilit li fil-pajjizi Anglo Sassoni, ir-relazzjoni guridika tal-broker mal-assikurat jew mal-persuna li titlob assigurazzjoni hija governata mill-kuntratt tal-mandat jew dak ta’ l-agent.

Hekk ukoll gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc in re. “Antonio Zammit vs Joseph Micallef noe” 31 ta’ Jannar, 1952, Vol. XXXVI, P.III, p. 610, li meta subagent “jimla’ l-proposal form ghal min irid jassigura karozza huwa l-

mandatarju ta' min irid jaghmel dik l-assikurazzjoni u mhux tal-kumpanija ta' assikurazzjoni…"

Fl-istess artikolu l-istess awtur ighaddi biex jelenka d-dmirijiet principali ta' l-Insurance broker, li "qua" mandatarju huma fl-obbligu:-

***(a) to perform his mandate fully to the extent of his authority and as expeditiously as possible;***

***(b) to exercise care and the requisite skill in performing the mandate:***

***(c) to notify an insured within a reasonable period that insurance has or has not been effected;***

***(d) to disclose to the insured any information or intention he may have relevant to the insured's interests;***

***(e) to show "uberrimae fides" in his dealings with and for an insured;***

***(f) to keep accounts and furnish them in proper form to an insured;***

***(g) to take reasonable steps to protect the insured's interests.***

Il-Periti josservaw ukoll li hemm ukoll il-vizjoni tradizzjonali fejn l-operat ta' l-"insurance broker" huwa abbinat mar-relazzjoni kontrattwali simili ghall-"***locatio-conductio operis***," kif irravisat is-socjeta` konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Din il-posizzjoni fl-Italja, il-Belgju u Franza – Compforts A. vs N.V.Zurich, 1978, riportata fil-Lloyd's Maritime and Commercial Law Quarterly, February, 1979. p.91.

Fl-ahharnett, il-periti jirrilevaw, li irrispettivament jekk l-attivita' ta' l-"insurance broker" huwa mandat jew locatio operis, il-fatt hu li kemm il-mandatarju kif ukoll l-appaltatur iwiegbu ghan-negligenza fl-esekuzzjoni tal-mansjoni

lilhom affidata u jitqiesu imputabbli ta' dilazjoni kolpusa jekk dan li jkun rikjest minnhom jesigi zmien ghall-esekuzzjoni tieghu."

L-istess Qorti fl-imsemmija sentenza ikkonkludiet a fol 33 li:
"Din il-Qorti taqbel ma' dik it-tezi msemmija mill-periti addizjonali li fil-ligi taghna l-***insurance broker*** huwa mandatarju ta' l-assikurat. Din it-tezi hija dik adottata mil-ligi Ingliza li, f'din il-materja, ghandha aktar influwenza fuq il-ligi taghna milli ghandha l-ligi kontinentali. Bhala tali l-***broker***/mandatarju huwa wkoll responsabbli skond l-artikolu 1874 tal-Kodici Civili Kapitolu 16 …"

L-istess kienet irriteniet din il-Qorti fil-kawza deciza fis-16 ta' Mejju 2002(Imhallef Tonio Mallia) fil-kawza **Vincent Azzopardi vs Middlsea Insurance Company** fejn qalet li:
"Hu risaput li l-***broker*** huwa l-agent ta' l-assikurat mhux tal-kumpanija assikuratrici".

Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Salvatore Sammut vs Middlsea Insurance p.l.c.** tal-14 ta' Mejju 2004 l-Onor. Qorti ta' l-Appell iddeskriviet polza ta' assikurazzjoni hekk:
"Polza ta' assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' ***premium*** mill-assikurat lis-socjeta` assikuratrici, dik l-istess socjeta` tintrabat li tindennizza lill-assikurat taghha fl-eventwalita` li san isofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh is-socjeta` asskuratrici. F'dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi l-hlas ta' ***premium*** da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indennizz da parti tas-socjeta` assikuratrici".

Stabbiliti dawn il-principji wiehed issa jrid jezamina l-eccezzjonijiet fil-kawza odjerna fejn l-Assocjazzjoni konvenuta sostniet li ma kellha ebda relazzjoni guridika mad-ditta attrici ghax ir-relazzjonijiet taghha dwar assikurazzjoni kienu kollha diretti mad-ditta Alliance Malta

Limited. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-eccezzjoni minhabba l-kunsiderazzjonijiet fuq imsemmija. Infatti l-Assocjazzjoni kienet qed tassikura mad-ditta attrici izda biex tatghmel dan qed tuza s-servizzi ta' l-imsemmija ditta Alliance Malta Limited. Dan ma kienx iwassal ghal dak sostnut mill-Assocjazzjoni konvenuta li ma hemm ebda relazzjoni guridika mad-ditta attrici. Alliance Malta Limited kienet il-mandatarja tal-Assocjazzjoni assikurata u ghalhekk ir-responsabbilta` ghall-hlas lis-socjeta` intimata fl-eventwalita` li jigri dak li ghalih saret l-***insurance*** kienet tas-socjeta` attrici versu l-Assocjazzjoni konvenuta. Infatti jekk jigri xi haga l-hlas ried isir mid-ditta attrici. L-ammont mitlub jirreferixxi ghal ***premia*** ta' diversi poloz ta' assikurazzjoni li nhargu favur l-Assocjazzjoni konvenuta. Il-kuntratt kien jigi finalizzat tramite s-servizzi ta' Alliance Malta Limited izda l-poloz kienu jinhargu minn Atlas Insurance Limited favur il-Malta Football Association. Dan sar ghal snin shah. Is-socjeta` Alliance Malta Limited kienet topera bhala ***Insurance Broker*** u mhux bhala ditta assikuratrici. Meta l-Alliance Malta Limited kienet tigbor il-flus kienu jzommu dik il-parti li kienet tispetta lilhom bhala ***commission*** u l-bqija jithallas lis-socjeta` ta' l-assikurazzjoni izda b'hekk ir-responsabbilta` ghall-hlas fl-eventwalita` tar-riskju kienet tibqa' dejjem tas-socjeta` attrici u ma kenitx tkun ta' l-***Insurance Broker***.

Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-Assocjazzjoni konvenuta.

Gie eccepit ukoll sekondarjament li s-socjeta` konvenuta ma kenitx tkun taf x'hemm dovut ghax kemm il-hlasijiet ta' ***premia*** u ***claims*** kienu jsiru lid-ditta Alliance Malta Limited, izda hawn ukoll il-principji fuq imsemmija dwar il-pozizzjoni guridika ta' l-***Insurance Broker*** hija ta' ostakolu ghal din l-eccezzjoni, u ghall-istess motivi l-Qorti tichadha.

Dwar it-talba attrici saru l-provi li s-socjeta` attrici hija kreditrici ta' l-Assocjazzjoni konvenuta fis-somma ta' hamest elef, mitejn tlieta u disghin lira Maltin u disa' u sittin centezmu (Lm5445.89 ossia t-talba inizjali ridotta b'Lm152.20 u cioe` ghas-somma ta' Lm5293.69 permezz ta' nota tas-socjeta` attrici tas-26 ta' Jannar 2005) –

€12330.98. Il-Qorti thoss li dan l-ammont gie sufficjentement ippruvat u gustifikat.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjonijiet tal-Assocjazzjoni konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-Assocjazzjoni konvenuta thallas lis-socjeta` attrici €12330.98 bl-imghax mil-lum minhabba li ma jirrizultax preciz minn meta harget kull polza ta' l-assikurazzjoni u ghalhekk huwa gust li l-imghax jiddekorri biss mil-lum. L-ammont finali gie stabbilit illum.

Spejjez kontra l-Assocjazzjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------